28 ta' Ġunju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Il-Qorti *versus* Carmelo Formosa et.

## Alimenti — "Maintenance Order" — Żwieġ — Nullità — Tfal — Separazzjoni Personali — Inġurji

*Żwieġ, anki ċelebrat l-Ingilterra bejn kattoliku u mara mhux kattolika skond il-liġi ngliża, jibqa' jseħħ għall-finijiet kollha tal-liġi, sakemm ma jiġix pruvat li dak iż-żwieġ mhuwiex validu.*

*Hu ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi jistgħu jkunu kawżi ġusti biex il-mara ma tgħammarx ma' żewġha, mhux biss dawk li għalihom skond il-liġi tista' tintalab is-separazzjoni personali, imma anki kawżi anqas, purkè ta' ċerta gravità u ta' ċerta proporzjon, basta li jkunu attwali u kontinwati. Huwa wkoll magħruf illi jikkostitwixxi nġurja gravi suffiċjenti għall-firda personali l-fatt li wieħed mill-miżżewġin jipproponi jew isostni kawża b'mod li jikser jew anki jiddisturba l-armonija konjugali, billi jinġenera odju fl-animu tal-konjuġi l-ieħor; u għalhekk ġie ritenut illi l-mara tista' titbiegħed mid-dar konjugali anki f'każ ta' sempliċi dissidji u ta' "tensione di animi", mhux ċertament kapriċċużi u ta' importanza żgħira.*

*Il-fatt li r-raġel, wara sentenza li annullat sentenza oħra li kienet iddikjarat mhux validu ż-żwieġ tiegħu, jibqa' jsostni n-nullità taż-żwieġ tiegħu, u dippjù jsostni li martu setgħet ittradietu ma' raġel ieħor, jikkostitwixxi nġurja mhux biss gravi, imma attwali u kontinwata, b'mod li l-mara hija leġittimata tirrifjuta li tgħammar ma' żewġha.*

*Konsegwentement, jekk mara jkollha dawn il-lanjanzi kontra żewġha, u tottjeni digriet ta' alimenti kontra żewġha mill-Qorti tal-Ingilterra taħt il-"Maintenance Orders Act", ir-raġel hawn Malta ma jistgħax jirreżisti dak id-digriet billi jallega li martu abbandunatu u ma tridx tiġi tgħammar miegħu hawn Malta.*

*Kwantu għat-tfal li twieldu minn dak iż-żwieġ, ir-raġel ma jistgħax jippretendi li ma għandux imantnihom għaliex, barra li mhumiex qegħdin miegħu, huma jew illeġittimi jew mhux rikonoxxuti minnu bħala uliedu. Ladarba ż-żwieġ tiegħu sar l-Ingilterra bil-formalitá rikonoxxuta valida mill-liġi ngliża, it-tfal imwielda minn dak iż-żwieġ, sakemm dan ma jaqgħax, huma leġittimi; u r-raġel hu obligat imantnihom. Jekk hu xejn ma jagħmel biex juri li dawk it-tfal twieldu minn raġel ieħor, dawk it-tfal għandhom il-preżunzjoni tal-leġittimitá.*

Il-Qorti; — Rat is-sentenza tagħha tat-28 ta' Ġunju 1956, fejn jinsabu miġjuba d-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u li biha ġiet akkolta l-eċċezzjoni tar-"res judicata" fil-konfront ta' Isabella Formosa nèe Gray u ta' bintha Constance Maria Formosa, kif ukoll, fis-sens u bill-limitazzjoni premessi f'dik is-sentenza fil-konfront tal-minuri Frederick Charles Formosa u tan-National Assistance Board, salva dejjem, rigward dawn tal-aħħar, il-kwistjoni dwar il-kambjament fir-retta alimentari, u, jekk hemm bżonn, ġiet respinta l-eċċezzjoni fil-konfront tal-minuri Isabel Formosa; u l-kawża ġiet differita għal seduta oħra biex titkompla skond il-liġi;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Marzu 1957, li biha ġiet dikjarata nulla u bla ebda effett is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fid-19 ta' Mejju 1952 in re "Il-Qorti vs. Carmelo Formosa", u għalhekk ġiet revokata s-sentenza fuq miġjuba tat-28 ta' Ġunju 1956 fil-kap devolut lilha fuq l-appell tal-Professur Caruana nomine, u ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tar-"res judicata" ġa milqugħa minn din il-Qorti rigward Isabella Formosa u uliedha Charles Frederick u Constance Maria u n-National Assistance Board; u ġiet konfermata s-sentenza appellata relattivament għaċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tar-"res judicata" rigward il-minuri Isabel Formosa, iżda biss fis-sens tal-konsiderazzjonijiet hemm premessi; u ġie ordnat li l-ispejjeż tal-inċident jitħallsu mill-konvenut; u ġiet rinvijata l-kawża quddiem din il-Qorti biex titkompla skond il-liġi;

Rat il-verbal tat-3 ta' Mejju 1957 (fol. 145), fejn din il-Qorti, in vista tas-sentenza fuq miġjuba tal-Qorti tal-Appell, ipprefiġġiet lill-konvenut ħmistax il-ġurnata biex, jekk jidhirlu, jimpunja ż-żwieġ tiegħu ma' Isabella Gray, u, jekk ikun il-każ, il-paternità tal-minuri Maria Constance u Isabel;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-eċċezzjonijiet tiegħu, il-konvenut, fost ir-raġunijiet li għalihom id-digriet tal-10 ta' Diċembru 1953 riferit fiċ-ċitazzjoni jista' jiġi kontestat skond id-dokument fol. 10, għażel tnejn biss, (1) illi ż-żwieġ tiegħu ma' Isabella nèe Gray mhux validu, u (2) illi din, mingħajr raġuni tajba, abbandunatu u qegħdha tirrifjuta li terġa tmur miegħu;

Illi, kwantu għall-ewwel raġuni, din, almenu taħt iċ-ċirkustanzi attwali, tinsab eżawrita; difatti, bis-sentenza fuq imġjuba tal-Qorti tal-Appell ġiet dikjarata nulla s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fid-19 ta' Mejju 1952, li biha dak iż-żwieġ kien ġie dikjarat mhux validu; di pjù, il-konvenut ma ppruvax f'din il-kawża illi dak iż-żwieġ mhux validu skond il-liġi ngliża (v. motiv (a) (3) fol. 10); u għalhekk, sakemm dak iż-żwieġ ma jiġix imwaqqa, għandu jseħħ għal-finijiet kollha tal-liġi;

Illi, kwantu għat-tieni raġuni, il-konvenut issottometta illi huwa ilu bosta żmien jipprova jġib lil Isabella Formosa hawn Malta biex jiżżewwiġha skond ir-rit kattoliku u joqgħod hawn, fejn għandu x-xogħol tiegħu, iżda bla ebda suċċess; mill-banda l-oħra, il-Professur Victor Caruana, in rappreżentanza tal-klijenti tiegħu, per mezz tan-nota tat-18 ta' dan ix-xahar (fol. 147), iddikjara illi Isabella Formosa ma aċċettatx li tingħaqad ma' żewġha għar-raġunijiet indikati fix-xhieda tagħha fol. 18 tal-proċess; fi ftit kliem, għaliex hija, minħabba l-aġir tiegħu, tilfet il-fiduċja fiħ, al-

menu biex tiġi Malta, peress illi hija mhix magħrufa bħala martu; u anki għax tibża li żewġha, jekk tiġi Malta, joħdil-ha t-tfal. Fil-korp ta' dik in-nota jingħad ukoll illi l-konvenut kellu l-kuraġġ jgħid bil-ġurament li ma jaċċettax illi l-aħħar tifla tagħha, Isabel, hija bintu (fol. 90);

Illi hu ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza illi jistgħu jkuma kawżi ġusti biex il-mara ma tgħammarx ma' żewġha, mhux biss dawk li għalihom skond il-liġi tista' tintalab is-separazzjoni personali, iżda anki kawżi anqas qawwija, purkè ta' ċerta gravità u ta' ċerta proporzjon, basta li jkunu attwali u kontinwati (Fadda. Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 133, §§22, 23 u 27; u Kollez. XXIX-II-849). Huwa wkoll magħruf illi jikkostitwixxi nġurja gravi suffiċjenti għall-firda personali l-fatt li wieħed mill-miżżewġin jipproponi jew isostni kawża b'mod li jikser jew anki jiddisturba l-armonija konjugali, billi jinġenera odju fl-animu tal-konjuġi l-ieħor (Digesto Italiano, Separazione (Diritto Civile) §86); u għalhekk ġie ritenut illi l-mara tista' titbiegħed mid-dar konjugali anki f'każ ta' sempliċi dissidji u ta' "tensione di animi", mhux ċertament kapriċċużi jew ta' importanza żgħira (Fadda, op. ċit., §27);

Illi, fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, fil-fehma tal-Qorti Isabella Formosa għandha raġuni tajba biex ma tiġix Malta u toqgħod ma' żewġha. Huwa, wara l-imsemmija sentenza tad-19 ta' Mejju 1952, baqa' jsostni n-nullità taż-żwieġ tiegħu magħha; di pjù, huwa għadu jsostni illi l-aħħar tarbija Isabella mhix bintu, għad li fix-xhieda tiegħu kellu jistqarr li meta ġie Malta ħalla lill-martu inċinta (fol. 90); u b'hekk qiegħed juri illi martu setgħet ittradietu ma' raġel ieħor. Iċ-ċirkustanzi fuq miġjuba, fil-fehma tal-Qorti, huma mhux biss gravi, imma anki attwali u kontinwati, b'mod illi mart il-konvenut tinsab ġustifikata li ma tiġix toqgħod miegħu Malta. Konsegwentement, anki din l-oppożizzjoni tal-konvenut hija mingħajr bażi;

Illi, kwantu għat-tfal, il-konvenut donnu jippretendi li

ma għandux imantnihom għaliex, barra li mhumiex qegħdin miegħu, jew mhumiex uliedu leġittimi jew mhumiex minnu rikonoxxuti bħala uliedu. Iżda ma għandux jintnesa illi ż-żwieġ sar l-Ingilterra bil-formalità rikonoxxuta valida mill-liġi ngliża; u għalhekk it-tfal imwielda minn dak iż-żwieġ, sakemm dan ma jaqgħax, huma leġittimi. Rigward it-tifla Isabella, il-konvenut, għad li ċaħadha minn bintu, xejn ma għamel biex juri li twieldet minn raġel ieħor, u għalhekk għandha wkoll il-preżunzjoni tal-leġittimità;

Illi l-konvenut ebda kontestazzjoni ma qanqal dwar ir-rati alimentari li għalihom ġie kundannat mill-Qorti ta' Durham;

Għal dawn il-motivi, u taħt iċ-ċirkustanzi attwalment eżistenti;

Tiddeċidi billi tikkonferma d-digriet mogħti mill-Qorti msemmija fiċ-ċitazzjoni fl-10 ta' Diċembru 1953; bl-ispejjeż kontra l-konvenut.